

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tal-konvenut ta' l-1 ta' Ottubru 2007, Każ R 568/2006-2 (Trade mark Komunitarja Nru 3 156 924);
- tiċħad l-applikazzjoni kkontestata tat-trade mark Komunitarja Nru 3 156 924 RED MUG bil-logo "Golden Eagle Deluxe";
- tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell;
- tordna lil Master Beverage, il-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell, tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell, f'każ li ssir parti intervenjenti fil-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Master Beverage Industries Pte Ltd

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "Golden Eagle Deluxe" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 3 156 924

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade marks figurattivi Komunitarji, internazzjonali u nazzjonali u t-trade marks verbali "Red Cup" "Gold Blend" u stampi ta' kikkra, *inter alia*, għal kafé

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: L-oppożizzjoni ġiet kompletament miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: L-appell ġie miċħud

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li t-trade marks kunfliġġenti huma simili ħafna mill-aspett viżiv minħabba arranġament identiku ta' disa' elementi, intrinsikament distintivi, preżenti kemm fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll fil-maġġoranza tat-trade marks preċedenti.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Janjar 2008 — Nestlé vs L-UASI — Master Beverage Industries (Golden Eagle Deluxe)

(Kawża T-7/08)

(2008/C 64/90)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Société des Produits Nestlé SA (Vevey, l-Iżvizzera) (rappreżentant: A. von Mühlendahl, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Master Beverage Industries Pte Ltd (Singapore, Singapore)

Talbiet tar-rikorrent(i)

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell tal-konvenut ta' l-1 ta' Ottubru 2007, Każ R 1312/2006-2 (Trade mark Komunitarja Nru 3 157 534);
- tiċħad l-applikazzjoni kkontestata tat-trade mark Komunitarja Nru 3 157 534 RED MUG bil-logo "Golden Eagle Deluxe";
- tordna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell;
- tordna lil Master Beverage, il-parti l-oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell, tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk sostnuti mir-rikorrenti quddiem il-Bord ta' l-Appell, f'każ li ssir parti intervenjenti fil-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Master Beverage Industries Pte Ltd

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "Golden Eagle" għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 3 157 534

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjtal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: It-trade marks figurattivi Komunitarji, internazzjonali u nazzjonali u t-trade marks verbali "Red Cup", "Gold Blend" u stampi ta' kikkra, *inter alia*, għal kafé

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: L-oppożizzjoni ġiet kompletament miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: L-appell ġie miċħud

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, peress li t-trade marks kunfliġġenti huma simili ħafna mill-aspett viżiv minħabba arranġament identiku ta' disa' elementi, intrinsikament distintivi, preżenti kemm fit-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kif ukoll fil-maġġoranza tat-trade marks preċedenti.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Jannar 2008 — G.M. Piccoli Srl vs L-UASI (Rappreżentazzjoni ta' arzella)

(Kawża T-8/08)

(2008/C 64/91)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Ricorrenti: G.M. Piccoli Srl (Alzano Lombardo, l-Italja) (rappreżentant: S. Giudici, avvocato)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla jew tibdel id-Deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell tat-28 ta' Settembru 2007, u li ġiet innotifikata fit-23 ta' Ottubru 2007, tawtorizza r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja tridimensjonali Nru 4522892 li tikkonsisti fil-forma stilizzata ta' arzella (arzella tal-pellegrini) anki sabiex tinkludi "brioche, brioche mimlija bil-krema, ġamm, ċikkulata u għasel".

— tikkundanna lill-UASI jbati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark tridimensjonali li tirrappreżenta arzella murija minn erba' naħat differenti (applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4522892, għal prodotti fil-klassi 30).

Deċiżjoni ta' l-eżaminatur: Rifjut ta' l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni għal "preparazzjonijiet magħmula minn ċereali, għaġina, hlewriet u ġelati"

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċħid tar-rikors.

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikoli 4 u 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark Komunitarja, kif ukoll l-interpretazzjoni żbaljata ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/104/KEE, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks. F'dan ir-rigward, jiġi osservat li kemm l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/104/KEE, kif ukoll l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 40/94, jippermettu espressament u b'mod ċar il-karattru distintiv intrinsiku, mhux biss ta' l-ippakjar tal-prodott, iżda anki tal-forma tagħha stess.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2008 — Volkswagen vs L-UASI (CAR SILHOUETTE III)

(Kawża T-9/08)

(2008/C 64/92)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Volkswagen AG (Wolfsburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H.-P. Schrammek, C. Drzymalla, S. Risthaus, R. Jepsen, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta' Novembru 2007, innotifikata fid-9 ta' Novembru 2007, fil-każ R 1306/2007-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark internazzjonali figurattiva "CAR SILHOUETTE III" għal prodotti fil-klassi 12 (reġistrazzjoni internazzjonali, li tirreferi għall-Komunità Ewropea, Nru W 878 349).

Deċiżjoni ta' l-eżaminatur: Protezzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Appell miċħud.